CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

It- Tnejn, 23 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.18pm.

**11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

11.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

11.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti ta' l-Għaxar Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

11.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**11.3 Komunkazzjoni tas- Sindku**

11.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li li fi ċirkostanzi prezenti tal-pajjiz minġabba l-Covid-19 dehrlu li l- ordnijiet tal-ġurnata f'din l-agenda għandhom jiġu sospizi u jiġi diskuss biss affarijiet urġenti inluz l-approvazzjoni tal-pagamenti. Huwa talab lis- SE biex jara' x'mezzi digitali jezistu biex il-laqgħat tal-Kunsill jkunu jistgħu isiru fuq pjattaforma diġitali. Il-kunsill approva

11.3.3 Is- Sindku poġġa fuq il-mejda kwotazzjoni għal xogħolijiet fuq il-bir li hemm fi Pjazza tas- Sur li tammonta għal € 450. Il-Kunsill approva dawn ix-xogħolijiet.

**11.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

11.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-23 ta' Marzu 2020, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 27,567,18

11.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet issekondata mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**11.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-15.34pm u ġiet aġġornata għal-20 ta' April 2019 fit-3pm

IFFIRMATA

Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA

Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 20-04-2020